Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 33/2010/1

**Innocenza Sciberras u b'digriet tal-5 ta' Lulju, 2018 saret trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem Maria Concetta sive Connie Sciberras (ID 469166M)**

**Vs**

**Doris Abdilla (ID 667458M)**

25 ta' Frar, 2019.

1. B'sentenza tad-29 ta' Mejju, 2018 il-Bord Li Jirregola l-Kera laqa' t-talba tar-rikorrenti u ordna l-izgumbrament tal-appellata fi zmien xahar. Il-kwistjoni bejn il-kontendenti hi dwar jekk Doris Abdilla taqax fid-definizzjoni ta' 'kerrej' skont l-artikolu 2 tal-Kap. 69. Il-fond 45, Sqaq l-Isptar, Mqabba kien mikri lil Antonia Farrugia li fil-25 ta' Lulju, 2008 marret tghix gewwa St Vincent de Paul u fil-11 ta' April, 2009 mietet f'dik id-dar tal-anzjani.

2. Fis-sentenza l-Bord Li Jirregola l-Kera ddecieda li meta l-inkwilina mietet ma kinitx qeghda tghix fil-fond, u ghaldaqstant l-intimata ma tikkwalifikax bhala 'kerrej'. Il-Bord qal:

> *"It-tieni rekwizit huwa li l-persuna tkun tghix mal-inkwilin meta l-inkwilin imut. Issa mix-xhieda ta' Mary Grace Farrugia, skrivana fl-Isptar San Vincent de Paule, a folio 17 tal-processi jirrizulta illi: 'Antonia Farrugia karta tal-identita 857638 kienet residenti f'St Vincent de Paule, dahlet hemmhekk fil-25 ta' Lulju 2008 u mietet hemmhekk fil-11 t'April 2009".*
>
> *Illi ghalhekk jirrizulta li l-inkwilina Antonia Farrugia ma kinitx qed tghix fl-imsemmi fond fil-gurnata tal-mewt taghha. Ghalhekk l-intimata ma kinitx qed tghix mal-inkwilina Antonia Farrugia fl-imsemmi fond meta mietet l-inkwilina Antonia Farruiga. Illi ghalhekk it-tieni rekwiziti li trid il-ligi u cioe' 'li persuna trid tkunh tghix mal-inkwilin meta l-inkwilin imut, ma giex sodisfatt".*

3. L-intimata appellat mis-sentenza, bl-aggravju jkun li mill-provi irrizulta li l-appellanti kienet tghix mal-inkwilina meta mietet.

4. Ir-rikorrenti wiegbet u tat ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jkun michud.
5. L-inkwilina mietet fil-11 ta' April, 2009 cjoe' qabel dahlu fis-sehh l-emendi introdotti bl-Att X tal-2009. Skont artikolu 2 tal-Kap. 69, kerrej tfisser ukoll:

> *"(b) fil-kaz ta' dar ta' abitazzjoni, meta l-kerrej ma jhallix warajh armla jew armel, dawk il-membri tal-familja tal-kerrej li* ***jkunu jogghodu mieghu fiz-zmien tal-mewt tieghu****".*

6. L-appellanti tikkwalifika bhala membru tal-familja gialadarba hi n-neputija tal-inkwilina.

7. Il-Bord ma qal xejn dwar jekk l-appellanti kinitx tirrisjedi fil-fond oggett tal-kawza. Wara li l-qorti qrat l-atti tikkonkludi li hemm bizzejjed provi li l-appellanti kienet tirrisjedi fil-fond oggett tal-kawza (ara per ezempju deposizzjoni ta' Audrey Ellul, Joseph Abdilla, Bice Farrugia, Mary Azzopardi, Christine Micallef li ma sarilhomx kontro-ezami, u Louise Galea li ghalkemm sarilha kontro-ezami ma qalet xejn li jista' jwassal lill-qorti biex tikkonkudi li kkontradiciet dak li qalet fl-ezami). Dan apparti provi ohra bhar-registru elettorali u korrispondenza li l-appellanti kienet tircievi fil-fond li jkomplu jikkoraboraw il-verzjoni li kienet tirrisjedi fil-fond in kwistjoni. Dan minkejja li l-appellata ressqet lil Claudine Portelli bhala xhud u qalet li fil-fond in kwistjoni tiftakar mara anzjana tghix u, *"Ma nafx li haddiehor jirrisjedi f'ak il-fond apparti s-sinjura. Jiena ma nahdimx u nkun il-hin kollu d-dar. Lill-intimata nafha minn wiccha fit-triq tieghi, pero' ma nafx fejn toqghod"*. Madankollu qalet li tara lill-appellanti tiftah u taghlaq il-bieb tal-fond in kwistjoni.

8. Hemm prova wkoll li fil-25 ta' Lulju 2008 l-inkwilina telqet mid-dar oggett tal-kawza u marret tghix fl-isptar San Vincenz de Paule. M'hemmx prova li dak kien xi arrangament temporanju.

9. Hu fatt li meta mietet, l-inkwilina ma kinitx qeghda tghix fil-fond mikri. Id-definizzjoni ta' 'kerrej' f'kap. 69 hi cara. Ir-riferenza ghall-kaz ta' non-uzu ta' dar ta' residenza minn persuna anzjana u gurisprudenza, hi rrilevanti ghal

finijiet ta’ din il-kawza fejn il-kawzali m’hijiex dik ta’ non-uzu. Ghalhekk ta xejn l-appellanti targumenta li l-perjodu li fih l-inkwilina kienet *‘ilha rikoverata fl-isptar San Vincenz ghal kwazi tmien xhur’*, kien qasir wisq biex jaghti lok ghan-non uzu tar-residenza.

10. Dan ma kienx kaz fejn inkwilin temporanjament ma baqax ighix fil-fond mikri. Il-probabbilta hi li persuna anzjana tmur tghix f’dar tal-anzjani ghaliex fizikament jew mentalment ma tkunx ghadha tista’ tfendi ghal rasha u ma jkunx hemm min jista’ jdur biha f’darha. Dar tal-anzjani m’hijiex xi lukanda jew sptar fejn wiehed imur ghal ftit zmien. Hekk ukoll ma ngiebu l-ebda provi li fiz-zmien li l-inkwilina damet tghix San Vincenz de Paule, kien hemm xi perjodu li matulu regghet marret tghix id-dar jew li baqghet izzur il-fond oggett tal-kawza. Hu veru li ma jistax jigi eskluż li l-anzjan imur jerġa jgħix fil-fond mikri. Pero’ xejn ma jista’ jigi eskluz. M’hemmx prova li tikkonvinci lill-qorti li kieku Antonia Farrugia baqghet hajja, probabbilment kienet tiltaq minn San Vincenz de Paule u tirritorna fil-fond oggett tal-kawza.

11. Il-fatt jibqa’ li meta mietet Antonia Farrugia, l-appellanti u Antonia Farrugia ma kinux qeghdin ighixu flimkien ghaliex l-inkwilina kienet marret tghix band’ohra. Stat ta’ fatt li kien ilu hekk ghall-iktar minn tmien xhur. Ghaldaqstant il-qorti ma tistax taqbel mal-argument tal-appellanti li meta Antonia Farrugia mietet, kienet ghadha tghix mal-appellanti fil-fond oggett tal-kawza.

12. Fic-cirkostanzi m’hemmx ragunijiet validi li jistghu jwasslu lill-qorti biex tghid li ma taqbilx mar-ragunament tal-Bord.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti, b’dan li l-eżekuzzjoni tas-sentenza ghandha ssir mhux qabel l-ahhar ta’ Mejju, 2019.**

Anthony Ellul.